MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 621/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur James Mallia)**

**Vs**

**Darren Brincat**

**Illum 31 ta' Awwissu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Darren Brincat**, ta' tlieta u erbgħin (43) sena, iben Rosario u Emanuela neè Mercieca, imwieled fil-5 ta' Novembru 1979 ġewwa il-Pietà, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 521079(M), residenti f'Nru.49, Melvizz, Triq Belic, Qormi:

1. Talli nhar is-6 ta' Awwissu 2023, għall-ħabta ta' bejn it-03:30hrs u l-3:45hrs ta' filgħodu minn ġewwa l-istabiliment "Burger King" li jinsab sitwat ġewwa Triq l-Iljun, Qormi, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Angel Zammit u/jew ta' xi persuna/i jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volontà tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Angel Zammit u kontra l-volontà tagħha, u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun mġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew qabad armi oħra kontra n-nies;

4. Talli nhar l-4 ta' Awwissu 2023, għall-ħabta ta' bejn is-19:30hrs u it-19:45hrs ta' filgħaxija, minn ġewwa l-istabiliment "Drug Store" li jinsab sitwat ġewwa Vjal De La Cruz, Qormi, ikkommetta serq ta' fwieħa għad-dannu ta' Anna Fenech u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil Darren Brincat iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex (ii) f'każ ta' ħtija, il-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għas-sigurtà tal-persuni indikati iktar 'l fuq;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "F" a fol. 8 sa' 36 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli: (1) Talli nhar is-6 ta' Awwissu 2023, għall-ħabta ta' bejn it-03:30hrs u l-3:45hrs ta' filgħodu minn ġewwa l-istabiliment "Burger King" li jinsab sitwat ġewwa Triq l-Iljun, Qormi, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Angel Zammit u/jew ta' xi persuna/i jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volontà tiegħu; (2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Angel Zammit u kontra l-volontà tagħha, u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun mġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha; (3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew qabad armi oħra kontra n-nies; (4) Talli nhar l-4 ta' Awwissu 2023, għall-ħabta ta' bejn is-19:30hrs u it-19:45hrs ta' filgħaxija, minn ġewwa l-istabiliment "Drug Store" li jinsab sitwat ġewwa Vjal De La Cruz, Qormi, ikkommetta serq ta' fwieħa għad-dannu ta' Anna Fenech u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew

entitajiet oħra; (5) U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

L-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u l-fedina penali piuttost kopjuża tiegħu, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, li ammetta fi stadju bikri tal-proċeduri u li għandu għandu problema ta' abbuż ta' droga.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(h), 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(e), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(a)(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(a), 280(2), 284, 285, 289 u 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tletin (30) xahar priġunerija effettiva.

Peress illi rriżulta li l-imputat għandu problema abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imsemmi imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' ħames (5) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta 'Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa, inkluż li jsegwi, jekk kiun il-każ, programm ta' rijabilittazjoni mill-vizzju tad-droga fuq bażi residenzjali, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta 'droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità l-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Ai termini ta 'l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma 'Angel Zammit u Anna Fenech qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta 'ħames mitt Euro (€500) għall-perijodu ta 'sena (1) li jibda jiddekorri minn dakinhar li huwa jiskonta l-piena imposta fuqu b'din is-sentenza. L-obbligazzjoni fil-konfront ta 'l-imputat qed tiġi annessa ma 'din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta 'l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta 'l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta 'ħames mitt Euro (€500) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta ' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**